# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

## Sekondarja tas-Subien, Ħal Kirkop

**Marka**

### L-Eżamijiet ta' Nofs is-Sena – 2013/14

**Rotta 1**

**IT-3 SENA** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | **Marka Totali** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 6 | 8 | 32 | 20 | |
| **Marka tal-istudent** | | | | | | | | |

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

**Isem:** ___________________________________

**Klassi:** ___________

**Attent:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet **kollha** kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

| SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ |
|---|

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***



## Il-Gawwija Prima

Il-Gawwija Prima hija l-akbar speċi li tbid f'pajjiżna. Bl-Ingliż hija magħrufa bħala Yellow-Legged Gull, u dan ġej mill-fatt li l-adulti ta' din l-ispeċi għandhom saqajhom sofor. Il-frieħ huma ferm anqas bojod mill-adulti, u kemm ir-rix, il-munqar u kif ukoll is-saqajn huma ta' lewn differenti. Minbarra s-saqajn, anke l-munqar huwa ta' kulur isfar jgħajjat, iżda għandu wkoll dabra ħamra fuq il-parti t'isfel tiegħu. Il-lewn aħmar jinsab ukoll bħala ċirku madwar l-għajnejn. Huwa stmat li din l-ispeċi partikulari ta' gawwi tieħu madwar ħames snin biex tieħu l-lewn ta' adult, u minħabba f'hekk, wieħed mhux dejjem isibha faċli biex jidentifika din l-ispeċi minħabba d-diversi stadji li jgħaddi minnhom il-kulur tar-rix. Minn meta tittajjar mill-bejta sakemm tieħu l-lewn aħħari ta' gawwija adulta, lesta biex tkun tista' tibda tbejjed tgħaddi minn proċess b'diversi fażijiet. *(par. 1)*

Il-Gawwija Prima tbejjed f'ċerti lokalitajiet tal-kosta tagħna, speċjalment f'dawk l-aktar remoti u inaċċessibbli għalina l-bnedmin, primarjament l-irdumijiet. Fost il-postijiet l-iktar importanti għal din l-ispeċi nsibu l-gżira ċkejkna ta' Filfla. Filfla hija importanti ferm għall-għasafar, u dan minħabba li mijiet ta' għasafar tal-baħar jużawha bħala post fejn jagħmlu l-bejta tagħhom, fosthom ħafna Gawwi Prim. Mhux ta' b'xejn li wieħed irid permess speċjali mingħand l-Awtoritajiet biex ikun jista' jinżel fuq Filfla! *(Par. 2)*

Il-Gawwija Prima ħafna drabi tbid f'kolonji. Miskin hu min jipprova jersaq lejn il-bejta, għax magħruf kemm hi protettiva għall-bejta tagħha. Min-naħa tagħha l-Gawwija Prima ma taħsibhiex darbtejn biex tattakka frieħ ta' għasafar oħra ġol-bejta biex tkun tista' żżoqq il-frieħ tagħha. Għalina l-bnedmin din ir-realtà taf tidher krudili, iżda fin-natura hija essenzjali biex jinżamm il-bilanċ naturali fil-popolazzjoni ta' kull speċi. *(Par. 3)*

L-ikel jikkonsisti f'varjetà kbira ta' affarijiet għaliex kapaċi tadatta l-aptit għal dak li jkun hemm. F'diversi pajjiżi tkun abbundanti anke fil-miżbliet, tfittex qalb dak li jkun imwarrab minna l-bnedmin. Hawn Malta, minħabba xi raġuni, ma tantx jittajru fil-baxx fuq l-art u jippreferu jżommu fuq il-baħar, 'il bogħod min-nies kemm jista' jkun. Tgħid għaliex, hux? Aħna nistgħu ngawdu lill-Gawwija Prima matul is-sena kollha, iżda matul ix-xhur tax-xitwa, speċjalment jekk tkun ġurnata b'riħ qawwi, ħares madwarek għaliex aktarx ikun hemm xi waħda ddur, tfittex il-mument opportun biex forsi ssib xi ħaġa tajba biex timla żaqqha. *(Par. 4)*



(Silta adattata mir-rivista *Sagħtar* ta' April 2013)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Liema hi l-akbar speċi li tbid f'pajjiżna? *(Par. 1)*

________________________________________________ (1)

2. Iddeskrivi l-frieħ tal-Gawwija Prima. *(Par. 1)*

________________________________________________

________________________________________________ (2)

3. Semmi post importanti f'Malta fejn insibu l-Gawwija Prima. *(Par. 2)*

________________________________________________

________________________________________________ (1)

4. Għaliex hija importanti Filfla għall-għasafar? (*Par. 2)*

________________________________________________

________________________________________________ (2)

5. Kif tbid il-Gawwija Prima? (*Par. 3)*

________________________________________________ (2)

6. F'Malta fejn narawha l-aktar il-Gawwija Prima? *(Par. 4)*

________________________________________________ (1)

7. Meta nistgħu narawha l-Gawwija Prima? *(Par.4)*

________________________________________________

________________________________________________ (1)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (20 marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

1. Flok **lewn** *(par. 1)* nistgħu ngħidu: (Immarka t-tajba b'X ħdejn ir-risposta t-tajba)

   (a) xtajta _____ (b) post _____ (ċ) kulur _____

2. Mill-ewwel paragrafu sib kelma li tfisser **ħafifa.** _______________

3. Mit-tielet paragrafu sib kelma ta' nisel Rumanz. _______________ (3marki)

**ANALIŻI TESTWALI**

4a. Il-verb **jippreferu** *(par.4)* qiegħed jirreferi: (Immarka t-tajba b'X ħdejn ir-risposta t-tajba)

(a) għall-għasafar _____ (b) għall-Gawwija Prima _____ (ċ) għall-frieħ _____

b. Il-kelma **lokalitajiet** (par.2) tfisser: (a) irħula _____ (b) bliet _____ (ċ) postijiet _____

(2 marki)

**IS-SINTASSI**

5. Ikteb din is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel is-sens tagħha.

**Il-Gawwija Prima hija l-akbar speċi li tbid f'pajjiżna.**

L-akbar ____________________________________________________________(marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

6. Fil-parentesi għid x'forma huma l-verbi mmarkati f'dawn is-sentenzi. (14-il marka)

1. Paul tkisser b'dak ix-xogħol kollu. ( )
2. Mario twieled qabel il-gwerra. ( )
3. Missieri kellem lill-għalliem. ( )
4. Oliver stkenn mix-xita. ( )
5. It-tifel tħammeġ ħafna. ( )
6. Il-kelb resaq ħdejn sidu. ( )
7. Sam sakkar il-bieb. ( )
8. Il-ġuvni wiegħed lil sħabu somma flus. ( )
9. Andrew tbiddel mil-lejl għan-nar. ( )
10. Carl ħareġ ma' sħabu ( )
11. Il-qassis bierek id-dar tal-anzjani. ( )
12. Dak ir-raġel xjaħ f'daqqa. ( )
13. Ħija nġabar kmieni d-dar. ( )
14. Il-bidwi mtedd taħt ħarruba. ( )

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

**1. Fisser dan il-qawl:** Alla biss jaf x'inhu ġej.

Dan il-qawl ifisser ____________________________________________________ (2 marki)

**2. Poġġi din l-idjoma f'sentenza biex toħroġ it-tifsira tagħha**: qishom kelb u qattus

_________________________________________________________________ (2 marki)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

**Agħżel A jew B u ikteb 40 kelma dwarha.**

(a) Għadu kif fetaħ ħanut ġdid tal-mowbajls. Ikteb riklam biex tħeġġeġ lin-nies jiġu jżuru dan il-ħanut u anki jixtru.

**JEW**

(b) L-istudenti tal-Kunsill tal-iskola tiegħek se jorganizzaw ħajk fil-kampanja. Bħala segretarju tal-Kunsill, ikteb avviż biex tħeġġeġ lill-istudenti jattendu.

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Ikteb **40 kelma** dwar **wańda** minn dawn it-temi li għamilt fil-proġett ta' din is-sena - **L-Idea tal-Lingwa :**

(1) L-Elementi Semitiċi, Rumanzi u Ingliżi fil-Malti
(2) Il-Bilingwiżmu
(3) Mikiel Anton Vassalli

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. LETTERATURA (32 marka)

**(i) Nadriet 3** (13-il marka)

1. Fil-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** ta' Ġorġ Borg naraw li l-aktar persuna importanti għall-bejjiegħ hi___________. (1)

2. Għall-bejjiegħ tal-gazzetti min ma jixtrix ______ _________________. (1)

3. Il-poeżija **Pitirross** ta'_______________________ insejħulha _____________. (2)

4. Fiha l-pitirross jiġi kull ____________________ biex iġedded ħmuret sidru bil-qtar tad-demm ____________. (2)

5. Fil-poeżija tiegħu **Poeta**, Dun Karm iqabbel il-poeżija ta' Rużar Briffa mal-ilma _______________ ħafif u ______________. (2)

6. Il-poeżija **Arizona** hija poeżija ___________________ għax il-poeta jikteb fuqu nnifsu. (1)

7. Fil-poeżija **Qasba** ta' Mario Azzopardi, il-qasba qed tħares lejn ____________ biex tara tiġrix xi ħaġa oħra. (1)

**(ii) Agħżel waħda minn dawn il-poeżiji (Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti, Pitirross, Poeta, Arizona, Qasba) u ikteb tliet sentenzi dwarha.**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3)

**(iii) Jinqabad bid-Drogi** (9 marki)

Aqta' sing taħt it-tajba:

1. Omm Ċinzja jisimha (Emma, Emilia, Ewkarja). (1)
2. Hija kienet ħarbet mill-(Italja, Ungerija, Iżvizzera). (1)
3. Ċinzja telqet mid-dar u marret tgħix (f'kamp, fil-vaguni msadda, għand ħabibitha). (1)
4. Lil Helen l-iskola kienu jgħajruha minħabba (missierha, ommha, ħbiebha). (1)
5. Helen kellha (dsatax, ħmistax, sbatax)–il sena meta ħarġet tqila bl-ewwel tarbija. (1)
6. Meta twieldet it-tarbija żewġha beda (jgħinha, jaħdem, jsawwatha). (1)
7. Helen kellha (tlitt, żewġt, ħamest) itfal. (1)
8. Simon u Martin kienu żewġt (aħwa, iħbieb, itfal). (1)
9. Dawn mietu (f'inċident, bid-droga, bin-nar). (1)

**(iv) Stejjer għal qabel jidlam** (10 marki)

Agħżel storja waħda minn (a) Ix-Xemx fuq it-Tieqa (b) L-Ewwel Telefonata (ċ) It-Tifel tal-Baħar, u ikteb 5 sentenzi fuqha.

1.____________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2.____________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3.______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4.______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5.______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **200 kelma** fuq karta separata



1. Kif inqatta' tmiem il-ġimgħa.
2. Il-baħar - xogħol u divertiment. Iddiskuti.
3. Il-kampanja Maltija fix-xitwa. Iddeskrivi.